

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tas-17 ta' April 2007 safejn din tagħti lir-rikorrent punt ta' prijorità addizzjonali wieħed biss għall-proċedura ta' promozzjoni 2003, għal total ta' żewġ punti ta' prijorità u numru totali ta' 21 punt, u li b'mod impliċitu tiċħad il-promozzjoni tiegħu għall-eżerċizzju ta' promozzjoni 2003;
- tordna lill-konvenuta tħallas kumpens ta' EUR 5 000;
- tordna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż.

- tikkundanna lill-Qorti ta' l-Awdituri tħallas lir-rikorrent kumpens għal dannu finanzjarju subit minnu, li fil-jum tal-preżentata ta' dan ir-rikors kien ikkalkolat fl-ammont ta' EUR 32 040,32 (jew telf ta' dħul għar-rikorrent ta' EUR 1 232,32 fix-xahar mid-data li fiha rtira, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2006, sa l-1 ta' Marzu 2008);
- tikkundanna lill-Qorti ta' l-Awdituri tħallas lir-rikorrent kumpens għal dannu morali subit minnu għal iktar minn 14-il sena, li l-ammont tiegħu għandu jiġi ddeterminat iktar 'il quddiem bi qbil bejn il-partijiet;
- tikkundanna lill-Qorti ta' l-Awdituri għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2008 — Pouzol vs Il-Qorti ta' l-Awdituri

(Kawża F-28/08)

(2008/C 116/68)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Michel Pouzol (Combaillaux, Franza) (rappreżentanti: D. Grisay, I. Andoulsi, D. Piccininno, avocats)

Konvenuta: Il-Qorti ta' l-Awdituri

Suġġet u deskrizzjoni tal-kawża

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri tad-29 ta' Novembru 2007, kif ukoll tal-proposti magħmula lir-rikorrent fl-10 ta' Mejju 2007 dwar it-trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni miksuba fi Franza u, konsegwentament, ir-rikonoxximent li r-rikorrent għandu d-dritt li fil-kalkolu tal-pensjoni tiegħu jittieħed in kunsiderazzjoni perijodu addizzjonali ta' 6 snin, 10 xhur u jum, jew perijodu globali ta' 10 snin, 3 xhur u 24 jum, li jissarf fuq pensjoni addizzjonali. Min-naħa l-oħra, tikkundanna lill-konvenuta tħallas kumpens għal dannu finanzjarju u morali subit mir-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- Tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri tad-29 ta' Novembru 2007 kif ukoll il-proposti magħmula lir-rikorrent fl-10 ta' Mejju 2007;
- tirrikonoxxi li r-rikorrent għandu d-dritt li fil-kalkolu tal-pensjoni tiegħu jittieħed in kunsiderazzjoni perijodu addizzjonali ta' 6 snin, 10 xhur u jum, jew perijodu globali ta' 10 snin, 3 xhur u 24 jum;
- tikkundanna lill-Qorti ta' l-Awdituri ssarraff dan il-perijodu fuq pensjoni addizzjonali għar-rikorrent ta' EUR 1 232,32 fix-xahar;

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2008 — Y vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-29/08)

(2008/C 116/69)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: Y (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrent

L-annullament tad-deċiżjoni ta' l-24 ta' Mejju 2007 ta' l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' impjieg li tkeċċi lir-rikorrent minn aġent kuntrattwali minħabba kondotta allegatament mhux tajba biżżejjed fis-servizz u l-kumpens għad-dannu materjali u morali.

Motivi u argumenti prinċipali

- tannulla d-deċiżjoni ta' l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' impjieg adottata fl-24 ta' Mejju 2007 dwar it-tkeċċija tar-rikorrent minn aġent kuntrattwali;
- safejn ikun hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni espliċita tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2007 dwar iċ-ċaħda ta' l-ilment imressaq mir-rikorrent skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal fil-31 ta' Awwissu 2007;
- tikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tħallas lir-rikorrent ir-remunerazzjoni li kien ikompli jirċievi li kieku l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' impjieg ma kinitx itterminat l-kuntratt tiegħu b'mod prematur u illegali, kif ukoll il-kumpens kollu li huwa intitolat għalih;